



Brussell, 23 ta' Mejju 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0050(COD)

9206/19
ADD 2 REV 1

CODEC 1061
PECHE 239

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar "l-aqwa parir xjentifiku disponibbli"

Fir-rigward tal-"aqwa parir xjentifiku disponibbli", il-Kummissjoni tenfasizza li l-prattika attwali hija li jiġi aċċettat biss il-parir xjentifiku maħruġ jew rieżaminat minn korp xjentifiku indipendenti rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew fil-livell internazzjonali, bħal pereżempju l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), il-Kumitat Konsultattiv Xjentifiku (SAC) tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) jew il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES).

Il-Kummissjoni tista' teżamina l-possibbiltà li fil-ġejjieni tipproponi definizzjoni tal-"aqwa parir xjentifiku disponibbli".

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-emenda tal-Anness I tal-MAP
(inklużjoni tal-intervalli tal-profondità bħala kriterji għas-segmentazzjoni tal-isforz tas-sajd)

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Pjan, ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, jistgħu jiġu previsti xenarji differenti għar-reviżjoni tiegħu, inkluż l-introduzzjoni fl-Anness I ta' kriterji oħra li jfasslu s-segmentazzjoni tal-isforz, bħal pereżempju l-intervalli tal-profondità għall-istokkijiet ikkonċernati stipulati fl-Artikolu 7(1) u l-projbizzjoni li tiżdied il-kapaċità stipulata fl-Artikolu 9(5) tal-pjan. Kwalunkwe reviżjoni bħal din se tiddependi fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni reġjonali

"Il-Kummissjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, se tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tadotta miżuri ta' konservazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) sabiex tiżgura l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet kondiviżi fil-Mediterran, skont id-Dikjarazzjoni MedFish4Ever tal-2017."
